

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 520/2007

tas-7 ta' Mejju 2007

li jistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 973/2001

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

ċità. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet huma obligatorji għall-Komunità u għalhekk għandhom jiġu implimentati.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

- (5) Bid-Deċiżjoni 95/399/KE<sup>(3)</sup> il-Komunità approvat il-Ftehim dwar l-istabbiliment tal-Kummissjoni tat-Tonn ta' l-Oċean Indjan. Dan il-Ftehim jipprovdi qafas adattat għal kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib u għall-użu razzjonali tat-tonn u speċi relatati fl-Oċean Indjan, permezz ta' l-istabbiliment tal-Kummissjoni tat-Tonn ta' l-Oċean Indjan, minn hawn 'il quddiem l-“IOTC” u l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni fiż-żona ta' l-IOTC li jsiru vinkolanti għall-Partijiet Kontraenti.

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 98/392/KE<sup>(1)</sup> l-Komunità approvat il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar li tinkludi prinċipji u regoli relatati mal-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi akkwatiċi ħajjin. Fil-qafas ta' l-obbligi internazzjonali aktar wiesa' tagħha, il-Komunità tieħu sehem fl-isforzi mwettqa fl-ibħra internazzjonali għall-konservazzjoni tal-ħażniet tal-ħut.
- (2) Skond id-Deċiżjoni 86/238/KEE<sup>(2)</sup>, il-Komunità ilha Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku, minn hawn 'il quddiem “l-Konvenzjoni ICCAT”, mill-14 ta' Novembru 1997.
- (3) Il-Konvenzjoni ICCAT tippredvi qafas ta' kooperazzjoni reġjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tat-tonn u speċi simili għat-tonn fl-Oċean Atlantiku u ta' l-ibħra li jmissu miegħu, permezz ta' l-istabbiliment ta' Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn ta' l-Atlantiku, minn hawn 'il quddiem l-“ICCAT” u ta' l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni li jsiru obligatorji għall-Partijiet Kontraenti.
- (4) L-ICCAT irrakkomandat numru ta' miżuri tekniċi għal ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna fl-Atlantiku u fil-Mediterran, li jspesifikaw *inter alia* d-daqsijiet u l-piżijiet awtorizzati tal-ħut, u restrizzjonijiet dwar is-sajd f'ċerti żoni u perjodi ta' żmien, b'ċertu taġġmir u dwar il-kapa-
- (6) L-IOTC adottat rakkomandazzjoni li tistabbilixxi ċerti miżuri tekniċi għal ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna u b'mod partikolari r-restrizzjoni tal-kapaċità. Ir-rakkomandazzjoni hija vinkolanti għall-Komunità u għalhekk għandha tiġi implimentata.
- (7) Bid-Deċiżjoni 2005/938/KE<sup>(4)</sup>, il-Komunità approvat il-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel. Għalhekk, hija għandha tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dak il-Ftehim.
- (8) L-oġettivi ta' dan il-Ftehim jinkludu t-tnaqqs progressiv tal-mortalità incidental ta' dniefel li ssir minħabba s-sajd bit-tartarun għat-tonn fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant sa livelli li joqorbu ż-żero billi jiġu stabbiliti limiti annwali, u s-sostenibilità għal perijodu fit-tul tal-ħażniet tat-tonn fiż-Żona tal-Ftehim.
- (9) Il-Komunità għandha interessi tas-sajd fl-Oċean Paċifiku tal-Lvant u ħadet sehem fil-proċedura għall-adozzjoni tal-Konvenzjoni għat-tisħiħ tal-Kummissjoni Interamerikana tat-Tonn Tropikali, minn hawn 'il quddiem il-“Konvenzjoni ta' Antigwa”. Bid-Deċiżjoni 2005/26/KE<sup>(5)</sup>, hija ffirmat il-Konvenzjoni ta' Antigwa u bdiet il-proċedura biex ssir parti għaliha. Waqt li tistenna d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni ta' Antigwa, il-Komunità, bħala parti kooperattiva non-kontraeneti għal-Kummissjoni Interamerikana tat-Tonn Tropikali, minn hawn 'il quddiem l-“IATTC”, iddeċidiet li tapplika l-miżuri tekniċi adottati mill-IATTC. Għalhekk dawn il-miżuri għandhom jiġu inkorporati fil-liġi Komunitarja.

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33.

<sup>(3)</sup> ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24.

<sup>(4)</sup> ĠU L 348, 30.12.2005, p. 26.

<sup>(5)</sup> ĠU L 15, 19.1.2005, p. 9.

- (10) B'effett mill-25 ta' Jannar 2005 u wara d-Deċiżjoni 2005/75/KE <sup>(1)</sup>, il-Komunità hi Parti Kontraenti għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġar ta' Ħażniet ta' Ħut li Jpassi Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent, minn hawn 'il quddiem il-"Konvenzjoni WCPFC".
- (11) Il-Konvenzjoni WCPFC tipprovdi qafas ta' kooperazzjoni reġjonali bil-ħsieb li tiggarrantixxi l-konservazzjoni għal perijodu fit-tul u l-isfruttament sostenibbli ta' ħażniet ta' ħut li jpassu ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent, permezz ta' l-istabbiliment ta' Kummissjoni tas-Sajd għall-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (WCPFC).
- (12) Għalhekk il-Komunità għandha tapplika d-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Konvenzjoni kif ukoll il-miżuri tekniċi adottati mill-WCPFC.
- (13) Il-miżuri tekniċi adottati minn dawn l-organizzazzjonijiet reġjonali tas-sajd ġew inkorporati fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 973/2001 ta' l-14 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi miżuri tekniċi għall-konservazzjoni ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna <sup>(2)</sup>.
- (14) L-adozzjoni ta' miżuri tekniċi ġodda minn dawn l-organizzazzjonijiet kif ukoll l-aġġornament ta' dawk fis-seħħ mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 973/2001 jesigū t-tħassir ta' dak ir-Regolament u s-sostituzzjoni tiegħu b'dan ir-Regolament.
- (15) Il-limiti fuq il-kapaċità għandhom ikunu determinati skond l-Artikolu 20 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(3)</sup>.
- (16) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti lill-Kummissjoni <sup>(4)</sup>,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

## TITOLU I

### DISPOŻIZZJONIJET INTRODUTTORJI

#### Artikolu 1

#### Suġġett

Dan ir-Regolament jstabbilixxi l-miżuri tekniċi ta' konservazzjoni applikabbli għall-qabda u għall-ħatt ta' ċerti ħażniet ta' speċi li jpassu ħafna kif imsemmija fl-Anness I, kif ukoll għall-qabdiet sekondarji.

#### Artikolu 2

#### Kamp ta' applikazzjoni

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9, dan ir-Regolament għandu japplika għall-bastimenti li tjajru l-bandiera ta' l-Istati Membri u huma reġistrati fil-Komunità, (minn hawn 'il quddiem "bastimenti tas-sajd Komunitarji").

#### Artikolu 3

#### Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

1. "Speċi li jpassu ħafna" tfisser l-ispeċi elenkati fl-Anness I;
2. "Tonn u speċi relatati koperti mill-ICCAT" tfisser l-ispeċi elenkati fl-Anness II;
3. "Limitu tal-mortalità tad-dniefel" tfisser il-limitu definit fl-Artikolu V tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel <sup>(5)</sup>.
4. "Sajd waqt il-ħin liberu" tfisser l-attivitajiet tas-sajd li jisfruttaw riżorsi akkwatiċi ħajjin għar-rikreazzjoni jew għall-isport.
5. "Xbieki tat-tidwir" tfisser xbieki li jaqbd u l-ħut billi jdawruhom miż-żewġ naħat u minn taħt; huma jistgħu jkunu mġhamra b'purse line jew le.
6. "Tartarun tal-borża (purse seines)" tfisser kwalunkwe xibka tat-tidwir li t-tarf ta' isfel tagħha huwa miġbur permezz ta' lenza tat-tartarun li tgħaddi minn serje ta' ħoloq ma' tul il-ħabel fil-qiegħ u li tippermetti li x-xibka tinġabar flimkien u tingħalaq. It-tartaruni tal-borża jistgħu jintużaw biex jinqabdu speċi pelaġiċi żgħar, speċi pelaġiċi kbar u speċi tal-qiegħ.

<sup>(1)</sup> ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 137, 19.5.2001, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 831/2004 (ĠU L 127, 29.4.2004, p. 33).

<sup>(3)</sup> ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

<sup>(4)</sup> ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

<sup>(5)</sup> ĠU L 348, 30.12.2005, p. 28.

7. "Konzijiet" tfisser tagħmir tas-sajd li jinkludi lenza prinċipali b'ħafna snanar fuq lenez iqsar imdendlin minnha (brazzoli) ta' tul u spazjar varjabbli skond l-ispeċi immirati. Jista' jintuża vertikament jew orizzontament ma' wiċċ il-baħar; jista' jintra ma' mal-qiegħ jew viċin il-qiegħ (konzijiet tal-qiegħ) jew jinġarr ma' kurrent fnofs ta' l-ilma jew viċin wiċċ l-ilma (konzijiet tal-wiċċ);
8. "Snanar" tfisser virga mgħawġa ta' l-azzar u ttemprata normalment b'ponta mgħawġa lura. Il-ponta ta' sunnara tista' tkun kemm dritta jew anke maqluba u mgħawġa. Il-parti dritta tagħha għandha tkun ta' tul u forma varjabbli u l-profil trasversali tagħha jista' jkun tond (regolari) jew ċatta (mikwija fil-forġa). It-tul totali ta' sunnara għandu jkun imkejjel bħala t-tul massimu globali tas-sieq tagħha mit-tarf tas-sunnara, li jservi biex miegħu tintrabat il-lenza u normalment jkollu l-forma ta' għajn, sat-tarf tal-liwja. Il-wisa' ta' sunnara għandha titkejjel bħala l-akbar distanza orizzontali min-naħa esterna tal-parti d-dritta san-naħa esterna tal-ponta.
9. "Tagħmir biex jinġabar il-ħut (FADs)" tfisser kwalunkwe tagħmir li jkun f'wiċċ il-baħar u bil-għan li jattira l-ħut.
10. "Bastiment tat-tonn bil-qasab u x-xlief" tfisser bastimenti mgħammra għal qbid tat-tonn bil-qasab u x-xlief.

#### Artikolu 4

##### Żoni

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament dawn id-definizzjonijiet li ġejjin ta' l-ilmijiet marittimi għandhom japplikaw:

#### 1. Żona 1

L-ilmijiet kollha ta' l-Oċean Atlantiku u ta' l-ibħra li jmissu miegħu inklużi fiż-żona tal-Konvenzjoni ICCAT kif definita fl-Artikolu 1 ta' dik il-Konvenzjoni.

#### 2. Żona 2

L-ilmijiet kollha ta' l-Oċean Indjan koperti mill-Ftehim għall-istabbiliment ta' l-IOTC kif definit fl-Artikolu 2 tiegħu.

#### 3. Żona 3

L-ilmijiet kollha ta' l-Oċean Paċifiku tal-Lvant kif definit fl-Artikolu 3 tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel.

#### 4. Żona 4

L-ilmijiet kollha ta' l-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent kif definit fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni tad-WCPFC.

## TITOLU II

### MIŻURI TEKNIĊI APPLIKABBLI FIŻ-ŻONA 1

#### KAPITOLU 1

#### Restrizzjonijiet fl-użu ta' ċerti tipi ta' bastimenti u tagħmir

##### Artikolu 5

##### Protezzjoni tat-tonn bigeye f'ċerti ilmijiet tropikali

1. Is-sajd bit-tartaruni tal-borża jew b'bastimenti tat-tonn bil-qasab u x-xlief għandu jkun ipprojbit matul il-perijodu mill-1 sat-30 ta' Novembru fiż-żoni li ġejjin:

— il-limitu fin-Nofsinhar: 0° tal-latitudni fin-Nofsinhar,

— il-limitu fit-Tramuntana: 5° tal-latitudni fit-Tramuntana

— il-limitu fil-Punent: 20° tal-lonġitudni tal-Punent

— il-limitu fil-Lvant: 10° tal-lonġitudni tal-Punent.

2. Mhux aktar tard mill-15 ta' Awwissu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura, inklużi, fejn applikabbli, lista tal-vjolazzjonijiet imwettqin mill-bastimenti tas-sajd Komunitarji li jtajru l-bandiera tagħhom u segwiti mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

##### Artikolu 6

##### Sajd għat-tonn tal-pinen koħol fil-baħar Mediterran

1. Is-sajd għat-tonn tal-pinen koħol b'tartarun tal-borża għandu jkun ipprojbit fil-baħar Mediterran mis-16 ta' Lulju sal-15 ta' Awwissu.

2. Matul il-perijodu ta' l-1 ta' Ġunju u l-31 ta' Lulju, għandu jkun ipprojbit li jsir sajd fil-Mediterran għat-tonn tal-pinen koħol bil-konzijiet tal-wiċċ b'bastimenti ta' aktar minn 24 metru fit-tul. It-tul tal-bastimenti għandu jkun definit skond l-Anness III.

3. Matul il-perijodu bejn l-1 sat-30 ta' Ġunju, għandu jkun ipprojbit l-użu ta' ajruplani jew ta' elikopters t'apoġġ għal operazzjonijiet ta' sajd għat-tonn tal-pinen koħol fil-Mediterran.

4. Id-definizzjoni tal-perijodi u taż-żoni msemmija f'dan l-Artikolu u t-tul tal-bastimenti mogħti fl-Anness III jistgħu jiġu emendati mill-Kummissjoni skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICCAT li saru obligatorji għall-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30.

## Artikolu 7

**Sajd għat-tonn skipjack, it-tonn bigeye u t-tonn tal-pinen sofor f'ċerti il-mijiet Portugiżi**

Għandu jkun ipprobit li tinżamm abbord kwalunkwe kwantità ta' tonn skipjack, ta' tonn bigeye u ta' tonn tal-pinen sofor maqbudin permezz ta' xbieki tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Portugall fis-sottożona X ta' l-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar) fit-Tramuntana tal-parallel 36°30' jew fiż-żoni COPACE (Kumitat tas-Sajd ta' l-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant) fit-Tramuntana tal-parallel 31° tat-Tramuntana u fil-Lvant tal-meridjan 17°30' tal-Punent jew li wieħed jistad għal dawn l-ispeċi fiż-żoni msemmijin bit-tagħmir imsemmi.

## KAPITOLU 2

**Daqs Minimu**

## Artikolu 8

**Daqsijiet**

1. Speċi għandha tkun ikkunsidrata bħala ta' daqs inferjuri jekk id-dimensjonijiet tagħha jkunu iżgħar mid-dimensjonijiet minimi speċifikati fl-Anness IV għall-ispeċi rilevanti.

2. Id-dimensjonijiet imniżżla fl-Anness IV jistgħu jiġu mmodifikati skond ir-rakkomandazzjonijiet ta' l-ICCAT li saru obbligatorji għall-Komunità skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 30.

## Artikolu 9

**Projbizzjonijiet**

1. Ħut ta' daqs inferjuri ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness IV li jinqabdu fiż-Żona 1 m'għandhomx jinżammu abbord jew jiġu trasbordati, mahtutin, trasportati, maħżunin, esposti jew offeriti għall-bejgħ, mibjugħa jew ikkummerċjalizzati. Dawn l-ispeċi għandhom jerġgħu jinxteħtu fil-baħar immedjatament.

2. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jew il-kummerċjalizzazzjoni fil-Komunità ta' ħut ta' daqs inferjuri ta' l-ispeċi elenkati fl-Anness IV li joriġinaw f'pajjiżi terzi u li jinqabdu fiż-Żona 1 għandu jkun ipprobit.

## Artikolu 10

**Tkejjil tad-daqs**

1. L-ispeċi kollha, ħliet *l-istiophorides*, għandhom ikunu mkejjlin mit-tul furketta, jiġifieri, id-distanza vertikali bejn l-estremità tax-xedaq ta' fuq u dik ta' l-iqsar xewka tad-denb li tifred l-ġewnaħ.

2. Id-daqs ta' *l-istiophorides* għandu jitkejjel mill-punt tax-xedaq ta' taħt sal-furketta tax-xedaq tan-naħa ta' wara.

## Artikolu 11

**Proċedura tat-teħid ta' kampjuni għall-gaġeġ tat-tonn tal-pinen koħol**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi proċedura tat-teħid ta' kampjuni għall-valutazzjoni tan-numru ta' tonn tal-pinen koħol maqbud, skond id-daqs.

2. It-teħid ta' kampjuni skond il-qisien fil-gaġeġ għandu jitwettaq fuq kampjun ta' 100 kampjun għal 100 tunnellata ta' ħut ħaj jew fuq kampjun ta' 10 % min-numru totali ta' ħut imqiegħed f'gaġġa. Il-kampjun tad-daqs għandu jittieħed waqt il-ġbir fir-razzett, skond il-metodu adottat mill-ICCAT għan-notifika tad-*data* bħala parti mill-Kompitu II.

3. Għandhom jiġu żviluppjati metodi u kampjuni addizzjonali għal ħut imrobbi għal aktar minn sena.

4. It-teħid ta' kampjuni għandu jitwettaq waqt il-ġabra meħuda każwalment u jkopri l-gaġeġ kollha. Id-*data* għandha tkun notifikata lill-ICCAT sal-31 ta' Lulju għat-teħid ta' kampjuni mwettaq is-sena kalendarja ta' qabel.

## KAPITOLU 3

**Restrizzjonijiet fuq in-numru ta' bastimenti**

## Artikolu 12

**Tonn bigeye u alonga ta' l-Atlantiku tat-Tramuntana**

1. Il-Kunsill, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2371/2002, għandu jidde-termina n-numru u l-kapaċità totali f'tunnellaġġ gross (GT) tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji aktar minn 24 metru fit-tul li jistadu għat-tonn bigeye bħala speċi mmirata fiż-Żona 1. Dawn għandhom jkunu determinati:

(a) bħala n-numru medju u tal-kapaċità fil-GT tal-bastimenti tas-sajd Komunitarji li kienu jistadu fiż-Żona 1 għat-tonn bigeye bħala speċi mmirata matul il-perijodu 1991/1992, u

(b) abbażi tar-restrizzjoni fuq in-numru ta' bastimenti Komunitarji li kienu jistadu għat-tonn bigeye fl-2005 notifikat lill-ICCAT fit-30 ta' Ġunju 2005.

2. Il-Kunsill, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2371/2002, għandu jiddetermina n-numru ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji li jistadu għall-alongu tat-Tramuntana ta' l-Atlantiku bħala speċi mmirati. In-numru tal-bastimenti għandu jiġi f'fissat bħala n-numru medju ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji li kienu jistadu għall-alongu tat-Tramuntana ta' l-Atlantiku bħala speċi mmirata matul il-perijodi 1993-1995.

3. Il-Kunsill, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandu jqassam fost l-Istati Membri:

(a) in-numru u l-kapaċità fil-GT determinati skond il-paragrafu 1;

(b) in-numru tal-bastimenti ddeterminat skond il-paragrafu 2.

4. Qabel il-15 ta' Mejju ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni bil-mezzi tas-soltu tat-trasmissjoni tad-*data*:

(a) il-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li huma aktar minn 24 metru fit-tul li jistadu għat-tonn *bigeye*;

(b) il-lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u li qed jieħdu sehem f'sajda b'mira għall-alongji tat-Tramuntana ta' l-Atlantiku.

Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-segretarjat ta' l-ICCAT qabel il-31 ta' Mejju ta' kull sena.

5. Il-listi imsemmija fil-paragrafu 4 għandhom jagħtu n-numru intern ta' reġistrazzjoni tal-flotta tas-sajd assenjat lill-bastiment, skond l-Anness 1 għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 26/2004 tat-30 ta' Diċembru 2003 dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd Komunitarja <sup>(1)</sup> kif ukoll it-tip ta' tagħmir użat.

#### KAPITOLU 4

### **Speċi li mhumiex fil-mira u sajd sportiv u ta' rikreazzjoni**

#### Artikolu 13

#### **Marlin**

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' konzijiet *monofilament streamer* bl-iswivels sabiex il-marlin blu u marlin abjad ħaj ikun jista' jinħeles aktar faċilment.

#### Artikolu 14

#### **Klieb il-baħar**

1. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-ħelsien tal-klieb il-baħar ħajjin maqbudin aċċidentalment, b'mod partikolari dawk żgħar.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu tnaqqis fir-rimi tal-klieb il-baħar billi jtejbu s-selettività tat-tagħmir tas-sajd.

#### Artikolu 15

#### **Fkieren tal-baħar**

L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-ħelsien tal-fkieren tal-baħar ħajjin maqbudin aċċidentalment.

#### Artikolu 16

### **Sajd sportiv u ta' rikreazzjoni fil-Mediterran**

1. Kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jipprojbixxi fil-Mediterran, fil-qasam ta' l-attivitajiet tas-sajd sportiv u tal-ħin liberu, l-użu ta' xbieki tat-tkarkir, xbieki tat-tidwir, xbieki tas-sajd, gangmi, pariti xkitti, pariti, konzijiet għas-sajd tat-tonn u speċi relatati fil-Mediterran.

2. Kull Stat Membru għandu jiżgura li t-tonn u l-ispeċi relatati maqbudin fil-Mediterran matul is-sajd sportiv u ta' rikreazzjoni, ma jkunux kummerċjalizzati.

#### Artikolu 17

#### **Rapport**

Mhux aktar tard mill-15 ta' Awwissu ta' kull sena, kull Stat Membru għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-Kapitolu.

#### TITOLU III

### **MIŻURI TEKNIĊI APPLIKABBLI FIŻ-ŻONA 2**

#### KAPITOLU 1

### **Restrizzjonijiet fuq in-numru ta' bastimenti**

#### Artikolu 18

#### **Numru ta' bastimenti awtorizzati**

1. Il-Kunsill, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandu jiddetermina n-numru ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji li huma aktar minn 24 metru fit-tul globalment awtorizzati li jistadu fiż-Żona 2. In-numru ta' bastimenti hu stabbilit fin-numru ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji reġistrati fir-reġistru tal-bastimenti ta' l-IOTC fl-2003. Ir-restrizzjonijiet fuq in-numru għandu jikkorrispondu mat-tunnellaġġ gross (GT) globali. Fejn il-bastimenti jiġu sostitwiti t-tunnellaġġ globali m'għandux jiġi maqbuż.

2. Il-Kunsill, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandu jqassam fost l-Istati Membri, in-numru ta' bastimenti ddeterminat skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

#### KAPITOLU 2

### **Speċi li mhumiex immirati**

#### Artikolu 19

#### **Klieb il-baħar**

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom kollha biex jinkoraġġixxu l-ħelsien tal-klieb il-baħar ħajjin maqbudin aċċidentalment, b'mod partikolari dawk żgħar.

2. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu tnaqqis fit-tfiġh lura tal-klieb il-baħar.

(1) ĠU L 5, 9.1.2004, p. 25. Ir-Regolament hekk kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1799/2006 (ĠU L 341, 7.12.2006, p. 26).

**Artikolu 20****Fkieren**

1. L-Istati Membri għandhom jaġmlu hilitom kollha biex inaqqsu l-impatt tas-sajd fuq il-fkieren tal-baħar, b'mod partikolari billi japplikaw il-miżuri previsti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. L-użu ta' kwalunkwe tagħmir tas-sajd huwa soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) trattament xieraq, inkluż l-irkupru jew il-ħelsien, tal-fkieren tal-baħar ħajjin magbudin aċċidentalment (sunnara jew xbieki) jew bħala qabda sekondarja.

(b) preżenza abbord ta' tagħmir meħtieġ għall-ħelsien tal-fkieren tal-baħar magbudin aċċidentalment jew bħala qabda sekondarja.

3. L-użu tat-tartaruni għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġi evitat l-obbligu, fejn possibbli, li l-fkieren tal-baħar jiġu mdawwra bix-xbieki.

(b) l-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' l-ispeċifikazzjonijiet ta' tagħmir xieraq sabiex il-qbid tal-fkieren tal-baħar b'mod sekondarju jiġi minimizzat.

(c) adożzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa għar-rilaxx tal-fkieren tal-baħar mdawra jew maqbudin.

(d) l-adożzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa għall-monitoraġġ tat-tagħmir biex jinġema' l-ħut li fihom jista' jinqabdu fkieren tal-baħar, għar-rilaxx ta' dawk maqbudin u għall-irkupru ta' l-FADs li ma jintużawx.

4. L-użu ta' konzijiet għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iżvilupp u l-attwazzjoni ta' kombinazzjonijiet ta' snanar tat-tip tal-lixkiet tal-fond u ta' disinjar ta' xbieki kif ukoll ta' prassi tas-sajd sabiex jitnaqqsu l-qabdiet aċċidentali jew bħala qabda sekondarja u l-mortalità tal-fkieren tal-baħar.

(b) il-preżenza abbord ta' tagħmir meħtieġ għall-ħelsien tal-fkieren tal-baħar maqbudin aċċidentalment jew bħala qabda sekondarja, inklużi l-għodod biex jitneħħew mis-snanar jew biex jinqatgħu il-lenez kif ukoll ix-xbieki għall-ħut l-oħxon.

## TITOLU IV

**MIŻURI TEKNIĊI APPLIKABBLI FIŻ-ŻONA 3****Artikolu 21****Trasbordi**

1. Għandu jiġi pprojbit l-użu ta' bastimenti awżiljarji li jappoġġaw il-bastimenti li jistadu bl-ghajjnuna ta' tagħmir sabiex jinġema' l-ħut.

2. Għandhom jiġu pprojbiti t-trasbordi fuq il-baħar minn bastimenti bit-tartaruni.

**Artikolu 22****Restrizzjonijiet fuq in-numru ta' bastimenti**

1. Il-Kunsill, b'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, għandu jiddetermina n-numru ta' bastimenti bit-tartaruni Komunitarji awtorizzati biex jistadu fiż-Żona 3. In-numru ta' bastimenti għandhu jiġi stabbilit fin-numru ta' bastimenti bit-tartaruni Komunitarji reġistrati fir-reġistru ta' l-IATTC fit-28 ta' Ġunju 2002.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni qabel l-10 ta' Diċembru ta' kull sena, lista ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u bl-intenzjoni li jistadu għat-tonn fiż-Żona 3. Il-bastimenti li mhumiex inklużi f'dik il-lista għandhom jitqiesu mhux attivi u m'għandhomx ikunu awtorizzati li jistadu matul is-sena attwali.

3. Il-listi għandhom isemmu n-numru intern ta' reġistrazzjoni tal-flotta tas-sajd assenjat lill-bastiment, skond l-Anness 1 tar-Regolament (KE) Nru 26/2004 kif ukoll it-tip ta' tagħmir użat.

**Artikolu 23****Protezzjoni tad-dniefel**

Il-bastimenti tas-sajd Komunitarji biss li joperaw taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Dniefel u li ngħataw Limitu ta' Mortalità tad-Dniefel (DML) huma awtorizzati jiċċirkondaw għejjeb jew grupp ta' dniefel bi xbieki tas-sajd waqt is-sajd għat-tonn tal-pinen sofor fiż-Żona 3.

**Artikolu 24****Talbiet għal DMLs**

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni qabel il-15 ta' Settembru ta' kull sena:

(a) lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li għandhom kapaċità ta' aktar minn 363 tunnellata metrika (400 tunnellata netta) u li applikaw għal DML għas-sena ta' wara kollha.

(b) lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom li għandhom kapaċità ta' aktar minn 363 tunnellata metrika (400 tunnellata netta) u li applikaw għal DML għall-ewwel u t-tieni nofs tas-sena ta' wara.

(ċ) għal kull bastiment li jitlob DML, ċertifikat li jiddikjara li l-bastiment għandu t-tagħmir u l-apparati kollha għall-protezzjoni tad-dniefel u li l-kaptan tiegħu segwa taħriġ approvat dwar is-salvataġġ u r-rilaxx tad-dniefel.

(d) lista tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li probabilmment joperaw fiż-żona matul is-sena ta' wara.

#### Artikolu 25

##### Allokazzjonijiet ta' DMLs

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikazzjonijiet għal DMLs huma konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Protezzjoni tad-Dniefel u mal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-IATTC.

2. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-listi u tiżgura l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Protezzjoni tad-Dniefel u mal-miżuri ta' konservazzjoni adottati mill-IATTC, u għandha tibgħathom lid-Direttur ta' l-IATTC. Fejn dan l-eżami juri li l-applikazzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet imsemmija f'dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha minnufih tinforma lill-Istat Membru kkonċernat li hi ma tistax tibgħat l-applikazzjoni, jew parti minnha, lid-Direttur ta' l-IATTC filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lil kull Stat Membru id-DMLs globali li jridu jitqassmu fost il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

4. Mal-15 ta' Jannar ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, it-tqassim ta' DMLs fost il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom.

5. Sa l-1 ta' Frar ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat lid-Direttur ta' l-IATTC, il-lista u t-tqassim ta' DMLs bejn l-bastimenti tas-sajd Komunitarji

#### Artikolu 26

##### Protezzjoni ta' speċi oħra li mhumiex immirati

1. Il-bastimenti tat-tartaruni għandhom jeħilsu fil-pront, mingħajr ma jagħmlulhom ħsara, sa fejn jista' jkun, il-fkieren kollha tal-baħar, il-klieb il-baħar, il-palamit, ħut bil-munqar twil, ir-rajja, lampuki u speċi oħrajn li mhumiex immirati.

2. Is-sajjeda għandhom ikunu inkoraġġuti biex jiżviluppaw u jużaw teknika u tagħmir li jiffaċilitaw ir-rilaxx żgħur u ta' malajr ta' kwalunkwe tali animal.

#### Artikolu 27

##### Fkieren

1. Kull meta fekruna tal-baħar tidher f'xibka, għandhom isiru l-isforzi kollha raġjonevoli għas-salvataġġ tal-fekruna qabel ma titħabbel fix-xibka, inkluż, jekk meħtieġ, l-iskjeriment ta' speed-boat.

2. Jekk fekruna titħabbel f'xibka, it-tkebbib tax-xibka għandu jieqaf hekk kif l-fekruna tinħareġ mill-ilma u m'għandux jerġa' jibda qabel tiġi meħlusa u rilaxxata.

3. Jekk fekruna tittella' abbord bastiment, għandhom jitwettqu l-metodi kollha xierqa biex jgħinu l-irkupru tal-fekruna qabel ma terġa' titniżżel il-baħar.

4. Il-bastimenti kollha tas-sajd tat-tonn għandhom ikunu pprojbti milli jarmu boroż tal-mel jew kull tip ta' skart tal-plastik fil-baħar.

5. Fejn possibbli, il-fkieren tal-baħar maqbudin f'tagħmir sabiex jinġema' l-ħut u tagħmir oħra tas-sajd għandhom jiġu rilaxxati.

6. It-tagħmir sabiex jinġema' l-ħut li ma jintużax fil-qasam tas-sajd għandu jiġi rkuprat.

#### TITOLU V

##### MIŻURI TEKNIĊI APPLIKABBLI FIŻ-ŻONA 4

#### Artikolu 28

##### Tnaqqis ta' l-iskart

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jitnaqqas l-iskart, ir-rimi, il-qbid b'tagħmir mitluf jew abbandunat, it-tniġġis mill-bastimenti tas-sajd, il-qbid ta' ħut u ta' migranti ta' speċi li mhumiex immirati, kif ukoll ir-riperkussjonijiet għall-ispeċi relatati jew dipendenti, b'mod partikolari l-ispeċi mhedda bl-estinzjoni.

#### TITOLU VI

##### DISPOŻIZZJONIJET ĠENERALI

#### Artikolu 29

##### Mammiferi tal-baħar

1. Għandu jiġi pprojbit li ġlejjeb jew gruppi ta' mammiferi tal-baħar jiġu mdawra bi xbieki tartaruni.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika għall-bastimenti tas-sajd Komunitarji kollha ħlief għall-bastimenti msemmijin fl-Artikolu 23.

*Artikolu 31*

**Tħassir**

Ir-Regolament (KE) Nru 973/2001 huwa b'dan imħassar.

TITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 30*

**Komitoloġija**

Il-miżuri li għandhom jittieħdu skond l-Artikolu 6(4) u l-Artikolu 8(2) għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30(3) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

*Artikolu 32*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara li jiġi pubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Mejju 2007.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

H. SEEHOFER



## ANNEX I

**Lista ta' l-ispeċi li jpassu ħafna**

- Tonn abjad alonga: *Thunnus alalunga*
  - Tonn aħmar: *Thunnus thynnus*
  - Bigeye tuna b'għajnejn kbar: *Thunnus obesus*
  - Tonn skipjack: *Katsuwonus pelamis*
  - Plamtu bid-dahar irrigat: *Sarda sarda*
  - Tonn tal-ġewnaħ isfar: *Thunnus albacares*
  - Tonn iswed: *Thunnus atlanticus*
  - Tonn żgħir: *Euthynnus spp.*
  - Tonn tal-pinen koħol tan-nofsinar; *Thunnus maccoyii*
  - Tumbrell: *Auxis spp.*
  - Abramida tal-baħar (pixxi kastanja); *Bramidae*
  - Marlina: *Tetrapturus spp.*; *Makaira spp.*
  - Sailfish: *Istiophorus spp.*
  - Pixxispad: *Xiphias gladius*
  - Sauries: *Scomberesoxspp.*; *Cololabis spp.*
  - Lampuka, lampuka kbira: *Coryphaena hippurus*; *Coryphaena equiliselis*
  - Klieb il-baħar: *Hexanchus griseus*; *Cetorhinus maximus*; *Alopiidae Rhincodon typus*; *Carcharhinide*; *Sphymidae*; *Isuridae*; *Lamnidae*
  - Ċetaċew (balieni u foċeni): *Physeteridae*; *Balenidae*; *Eschrichtiidae*; *Monodontidae*; *Ziphiidae*; *Delphinidae*.
-

## ANNEX II

**Lista tat-tonn u speċi relatati ta' l-ICCAT**

- Tonn tal-pinen koħol: *Thunnus thynnus*
  - Tonn tal-pinen koħol tan-nofsinhar: *Thunnus maccoyii*
  - Tonn tal-pinen sofor: *Thunnus albacares*
  - Albacore tuna: *Thunnus alalunga*
  - Tonn b'għajnejn kbar: *Thunnus obesus*
  - Tonn bil-pinen suwed: *Thunnus atlanticus*
  - Tonn żgħir: *Euthynnus alletteratus*
  - Tonn skipjack: *Katsuwonus pelamis*
  - Plamtu bid-dahar irrigat: *Sarda sarda*
  - Tumbrell: *Auxis thazard*
  - Tumbrell: *Auxis rochei*
  - Palomette: *Orcynopsis unicolor*
  - Wahoo: *Acanthocybium solandri*
  - Pizzintun: *Scomberomorus maculatus*;
  - King mackerel: *Scomberomorus cavalla*
  - West Africa Spanish mackerel: *Scomberomorus tritor*
  - Serra Spanish mackerel: *Scomberomorus brasiliensis*
  - Cero: *Scomberomorus regalis*
  - *Istiophorus*: *Istiophorus albicans*
  - *Makaira indica*: *Makaira indica*
  - *Makaira nigricans*: *Makaira nigricans*
  - White marlin: *Tetrapturus albidus*
  - Pixxispad: *Xiphias gladius*
  - *Tetrapturus pfluegeri*: *Tetrapturus pfluegeri*
-

## ANNEX III

**Tul tal-bastimenti (Artikolu 6(2))**

Definizzjoni ta' l-ICCAT tat-tul tal-bastimenti:

- għal kwalunkwe bastiment tas-sajd mibni wara t-18 ta' Lulju 1982, 96 % tat-tul totali fuq il-linja ta' wiċċ l-ilma ta' 85 % tal-fond li jkun l-anqas imżaqqaq imkejjel mill-quċċata tal-prim, jew it-tul min-naħa ta' quddiem tal-pruwa sa l-assi tat-tmun fuq dik il-linja ta' wiċċ l-ilma, jekk din tkun itwal. F'vapuri ddisinjati bil-prim angolat il-linja tal-buk li fuqha jitkejjel dan it-tul għandha tkun parallella mal-linja tal-buk imsemmija
- għal kwalunkwe bastiment tas-sajd mibni qabel it-18 ta' Lulju 1982, it-tul irreġistrat kif imniżżel fir-reġistri nazzjonali jew dokumentazzjoni oħra tal-bastimenti.

## ANNEX IV

**DAQSIJET MINIMI**

(Artikolu 8(1))

Speċi	Daqs minimu
Tonn bil-pinen koħol ( <i>Thunnus thynnus</i> ) <sup>(1)</sup>	6.4 kg jew 70 ċm
Tonn bil-pinen koħol ( <i>Thunnus thynnus</i> ) <sup>(2)</sup>	10 kg jew 80 ċm
Pixxispad ( <i>Xiphias gladius</i> ) <sup>(3)</sup>	25 kg jew 125 ċm (ix-xedaq ta' taħt)

<sup>(1)</sup> dan id-daqs minimu hu applikabbli biss għall-Oċean Atlantiku tal-Lvant

<sup>(2)</sup> dan id-daqs minimu hu applikabbli biss għall-Baħar Mediterran

<sup>(3)</sup> dan id-daqs minimu hu applikabbli biss għall-Oċean Atlantiku